# KEMM TISWA TARBIJA?

## *Novella ta' Ġorġ Mallia*



"Kemm tiswa tarbija?"

Tal-ħanut baqa' ċċassat lejha. Tfajla ħelwa. Kemmkemm safra, donnha għadha kif ħarġet minn xi marda, imma ħelwa. L-aktar xagħarha twil iswed jaqta' mal-ġilda pallida ta' wiċċha.

"Skużi?"

"Tarbija. Kemm tiswa?"

"Tarbija. Dan mhux il-Milied? Mhux tarbija hemm fil-maxtura? Jien irrid tarbija."

"Ee, issa fhimt. Pasturi. Bambin għall-maxtura. Le, dawk ma nbigħuhomx. Jekk tixtieq ipprova n-Knick-Knacks fil-kantuniera. Dak ikollu żgur."

Ma setax jifhimha.

Lanqas dan.

Ma kienx waħdu.

Ma qaltlu xejn aktar u ħarġet barra mill-ħanut.

Il-kesħa ma kinitx hemm. Anzi, l-għomma, donnu s-sajf ta' San Martin ġebbidha sa Diċembru. U t-tgħakkir ta' riħ isfel jinten li Milied f'Malta biss jaf jagħtina.

Is-sena l-oħra kienet il-kesħa. Ħassitha f'daqqa x'ħin rat id-demm iqattar mal-liżar tas-sodda. Ħassitha tkexkxilha s-sinsla x'ħin intebħet li d-dabra ħamra kient ħierġa minnha.

U barra kien hemm banda qed iddoqq il-*Jingle Bells*. Illum ma tistax tifhem kif f'dak il-mument ta' terrur, l-unika ħaġa li għadditilha minn moħħha kienet kemm instemgħet barranija dik il-melodija ... dawk il-kliem jitkellmu fuq borra li f'Malta qatt ma nbarmet ma' l-irjiħat spissi. Barranija.

Daqs it-tarbija f'ġufha.

Tant barranija dik, li ma kinitx riedet tibqa' hemm.

U issa, tħares ġo tieqa mixgħula minn dwal iteptpu tegħmiża kulur, ħasset il-kesħa mill-ġdid isserrep tul is-sinsla, u l-ġilda t'għonqha, xewk xewk, tfakkarha.

It-tabib kien qalilha biex ittajjar. Tedha fix-xogħol li, darba waħda, tant kien għal qalbha. U kultant kien jirnexxilha, imma mhux fil-Milied.

Ma' l-ewwel siġra tal-plastik imlibbsa x-xuxa ta' aluminjum ileqq fil-ġeġwiġija tal-bozoz;ma' l-ewwel ħjut mitluqa ta' noti familjari li jitfarfru kull sena ma' sbieħ Diċembru; mal-kelma "Milied" jew "Krismis" imdeffsa fir-reklami jinfilsaw irwieħhom qalb il-programmi tar-radju u t-televixin, sa ma joktru f'katina li ssensel magħha xi programm kultant;

mal-wiċċ daħkan tat-tfal...

... tat-tfal...

(GHALIEX WEĠĠAJTNI DAQSHEKK? X'QATT GHAMILT JIEN AGHAR MINN HADDIEHOR BIEX SPIĊĊAJT MIĊHUDA MILL-HAJJA LI QASMET MIEGHI GHAL ŻMIEN L-EŻISTENZA? LI KELLMITNI B'LEHEN MUTU KULL SEKONDA TA' NIFSI GHAL HAMES XHUR IMQADDSSA ... MIJA U HAMSIN JUM TA' HAJJA QALB ERBGHA U GHOXRIN SENA TA' MEWT? GHALIEX?)

Hemm kor barrani fil-misraħ.

Ġabuh tal-Kultura. L-ilħna ħlejja, u jinfdu l-għomma bi kliem dwar il-kesħa tal-borra, artijiet imbiegħda, drawwiet imqanqla darba f'sena, tama ta' paċi, tama ta' hena.

Kor barrani.

Il-ħajja barranija f'ġufha kienet itteptep bħad-dwal ħajja li serrpu tul l-arti ta' l-artiġġjan illitterat li ħadem l-armar tat-triq mimlija ħwienet li mxiet fiha.

Kienet ħajja li spiss taħsadha bid-daqqa tal-berqa ħiemda ta' l-istilla fuq l-għar tal-presepju. Ta' l-istilla b'dawl iterter li xtrat għat-tieqa ta' kamritha ftit sigħat qabel mal-ħmura tal-liżar serqitilha d-dawl minn qalbha.

Libsin xalpi ħomor it-tfal fi grupp imħallat f'kantuniera jkantaw għanjiet minn pitazzi qodma, sofor biż-żejt tas-swaba' u bi truf innukklati. Is-superjur tal-mużew li jmexxihom jimsaħ l-għaraq b'maktur imżarrat li ra kemm-il Milied u li issa ħareġ mill-but għal ieħor.

Imma t-tfal ħelwin. In-nies jieqfu u jiggustawhom. Il-kant żgangat, imma l-uċuħ ħomor mis-sħana tal-flokkijiet tas-suf u l-għomma tax-Xlokk.

(GHALIEX? FORSI GHAX IT-TNISSIL TIEGHI MA KIENX VERĠNI BHAL TA' DIK T'ELFEJN SENA ILU? GHAX L-IMHABBA TIEGHI KIENET BISS GHALL-FROTT U MHUX GHAŻ-ŻERRIEGHA U ANQAS U ANQAS GHALL-ĠARDINAR LI HAWWILHA? MIN JOQGHOD JAHSEB FIŻ-ŻARA' HU U JIEKOL FROTTA? NAHTI B'DAQSHEKK? GHALHEKK TGHID? JEKK LE ... GHALIEX?)

Fuq banketta żlugata hemm raġel bil-farretti tas-snin iħaffrulu wiċċu liebes it-tajjar flok daqna, u għall-bqija mżejjen mill-abjad u l-aħmar. Aħmar bati mill-ħasil u t-togħlija ta' darba f'sena għal tant snin, imma aħmar xorta waħda.

Hemm kuruni ta' weraq aħdar ileqq, kif il-plastik ileqq fid-dawl. Hemm ċirasa ta' plastik aħmar imdendlin magħhom.

U s-siġar mimlijin boċċi artifiċjali ta' kull lewn, imma l-aħmar jaħbat ma' għajnejha ... boqoq ta' aħmar, qtar ta' aħmar, jaqta' ma' l-isfond abjad silġ tal-kartolina stampata barra, b'lingwa barranija, li tiġi għal ftit, thenni lil xi ħadd u mbagħad tinħeba qalb l-imbarazz sa ma titqatta' u tintrema.

Għax il-barrani m'hawnx postu hawn.

Hux hekk, tarbija tax-xemgħa f'maxtura ta' tiben sintetiku?

Il-barrani nilqgħuh għal ftit ... ngħidu aħna darba f'sena, imbagħad nippakkjawh qalb l-imbarazz tar-raff.

Bogħod mill-għajn, bogħod mill-qalb?

Le...

Għax l-aħmar iteptep tal-bozza ma jħallihx. Is-sikta mħanna mit-teptip ta' l-ilħna ma jiftiehmux tan-nies għaddejja ... ilħna li jogħlew u jinżlu f'sinfonija li kulħadd jifhimha skond xibru, timla l-arja tifgak mid-dwal tal-ħaloġen u r-riħ isfel.

Qalb l-agħa hemm laguna ta' sikta madwarha, imma hemm l-istorbju fi ħsibijietha ... storbju mlewwen u iswed, mgħattan mit-toqol tat-tifkira ħajja li xiddet il-mewt u sabet it-tmien fil-bidu. U kobba xewk fl-istonku ttella' l-imrar f'gerżumitha, jimbotta l-ħmura quddiem għajnejha.

L-għana tat-tfal miexi 'l hemm, u hi taqbad it-triq in-naħa l-oħra. 'Il barra minn hemm. 'Il bogħod mill-għar materjalistiku mixgħul mit-teknoloġija, imberfel mill-għajta elettronika tokrob għall-konsumatur.

Xtaqet tmiss siġra ta' veru ... ħadra, bla boċċi ħomor magħha. Xtaqet tħaddan ħajjet is-siġra magħha biex tiftakar xi tkun il-ħajja li ma tinxtarax irrumblata u mgeżwra.

Xtaqet il-Milied it-tajjeb lil ġufha għeri ... kważi sterili, u żejnitu b'demgħa tteptep mid-dawl ta' qamar hi u nieżla.

U stenniet l-għada jisbaħ, jum is-sitta u għoxrin, biex tiċċelebra l-Milied.

11 ta' Diċembru, 1999